MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 371/2012

**Alfred Dalli**

**vs**

1. **Peter Paul Buttigieg**
2. **Saviour Portelli**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ l-attur qed jitlob li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kundannati jhallsuh il-*quantum* ta' hames mija u hamsa u sittin Ewro, u disgha u tletin centezmu (€565.39), ghal biljett tal-ajru mixtri ghal Saviour Portelli fuq struzzjonijiet ta' Peter Paul Buttigieg. Bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-AVVIZ u bl-ispejjes.

**Ra** li Peter Paul Buttigieg fir-RISPOSTA tieghu eccepixxa li:

1. Ebda ammont mhu dovut.

2. Hu ma ta ebda konferma lill-attur biex jixtri l-biljett tal-ajru lill-konvenut Saviour Portelli.

**Ra** r-RISPOSTA ta' Saviour Portelli hekk:
1. Hu m'ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attur ghaliex, la personalment u anqas permezz ta' haddiehor ma kkomunika mal-attur;
2. Hu qatt ma ta struzzjonijiet lil hadd, anqas lill-konvenut l-iehor sabiex jinhareg xi biljett lilu.

**II PROVI**

1. Alfred Dalli, attur qal li hu membru tal-FECC, ghaqda tal-karnival u kull sena jmorru konvenzjoni dwar il-karnival.

2. F'Jannar 2012 gew biex jaqtghu il-biljetti, li s-soltu jaqtaghhom Peter Paul Buttigieg, segretarju tal-ghaqda. Ghal xi raguni dan ma qatax il-biljett ta' Saviour Portelli u "qalli biex naghmillu pjacir u naqtaghlu l-biljett ghal dan Portelli". L-ewwel baghtlu messagg ma' Gorg Zahra u mbaghad intbaghtlu l-*email* Dok A (*a fol* 20). Buttigieg anke fuq il-mowbajl staqsieh kif baqa' fuq dal-biljett.

3. Bhala Dok B (*a fol* 21) gie esebit *print out* tal-biljett li hu xtara ghal Portelli flimkien ma' biljett ghalih, ghal martu u ghal Gorg Zahra.

4. Xi jumejn wara cempillu xihadd li identifika ruhu bhala hu Salvu Portelli u qallu li Salvu ma kienx gej. Talab lil min cempillu biex icempillu Salvu Portelli stess. Hawn hu cempel lil dan Salvu Portelli u kellmitu mart Salvu. Sa dak iz-zmien (ghall-habta ta' Frar 2012) ma kien kellem xejn lil Portelli fuq il-biljett u, fis-sitwazzjoni, baghat *email* lil Buttigieg, li minn naha tieghu ma rrisponda xejn.

5. Kien kellem dwar dan lil Gorg Zahra, habib taz-zewg konvenuti. Zahra qallu li kien baqa' bla ezitu mit-tnejn u allura beda din il-kawza ghax hu, l-attur kien hallas tal-biljett minn butu.

6. In kontro-ezami qal li hu bbukja wara li Gorg Zahra kien qallu li kien kellmu Portelli u qallu li tal-biljett kien ser ihallas hu u wara gie l-*email* Dok A.

7. <u>Gorg Zahra</u> qal li xi xahrejn qabel il-konvenzjoni Portelli kien cempillu u staqsieh kienx qatgha l-biljetti. Qallu li kien qed ifittixlu l-attur (li jigi hatnu) u Portelli qallu biex ifittex ghalih ukoll. Ftit zmien wara hatnu qallu li kien sab biljetti ghall-prezz ta' xi erba' mija u hamsin Ewro (€450) u kien ser jaqtaghhom.

8. Cempel lil Portelli u dan staqsa dwar kif isir il-hlas u x-xhud qallu mbaghad jaraw. Wara cempillu l-attur u qallu li cempillu wiehed li qal li kien hu Portelli u qallu li Salvu Portellu ma kienx sejjer. Ix-xhud kellem lil Peter Paul Buttigieg u dan qal li ma kien jaf b'xejn.

9. Cempel lil Portelli u wiegbet martu li qalet li zewgha ma kienx sejjer u ma kien ser ihallas xejn. Ix-xhud ikkonferma li Salvu Portelli kien qallu jaqta' l-biljetti. Kien anke staqsieh kif kien ser ihallas.

10. <u>Peter Paul Buttigieg</u> qal li hu gieli kien jiehu hsieb ix-xiri tal-biljetti ghalih u ghal shabu. Fis-sena 2012 kien sab jixtri biljetti kmieni ghal mitejn u tnejn u tmenin Ewro (€282). La l-attur u anqas il-konvenut Portelli ma kien qallu jixtri dawk il-biljetti. Hu jixtri *online* ghadd ta' biljetti u jiffranka l-flus. Qal li kien jaf li l-attur u Portelli kienu interessati, u kien qalilhom biex jixtru l-biljetti.

11. L-*email* Dok A hi tieghu. Billi kien jaf li Portelli ma kienx komdu jsiefer wahdu, ipprova jsib biljetti ma' haddiehor. Wara li ipprova ghalxejn, ma' ohrajn, kien qabbad lil Portelli ma' l-attur imma ma tax struzzjonijiet biex jinxtraw il-biljetti. "Jiena ghalija lil Dalli ghidtlu li Salvu Portelli huwa imhajjar imma m'ghidtlux biex jixtri l-biljetti. Wara kien kellem lil Portelli u qallu biex jghaddi lill-attur taghrif dwar passaport u hlas. "Jien ghalija ghaddejt biss informazzjoni u mhux ghidtlu jibbukkja da parti ta' Portelli".

12. In kontro-ezami qal li ma' Portelli ma tkellimx fuq prezzijiet pero' qallu li stante l-avvicinar tad-data l-

prezzijiet kienu ser ikunu gholjin. "Jiena qalli li kien interessat imma ma qallix direttament biex nibbukkjah". Hu Portelli kien qallu bl-*email* ghalkemm ma kienx urihulu. Lill-attur ma kienx kellmu. Ikkomunika mieghu bl-*email* biss. Ghalih ma kienetx *booking* imma li kieku ikkonferma ma' Portelli.

13. Saviour Portelli qal li Buttigieg kien kellmu dwar is-safar u li jekk ried biljett kellu jkellem direttament lill-attur. Hu qatt ma kellem lill-attur minkejja li Buttigieg kien tah il mowbajl tieghu. Qallu li l-biljetti kienu ghadhom ma nqatghux, pero' hu lill-attur baqa' ma kellmux.

14. Qabel, Buttigieg kien stiednu f'daru biex jaqtghalu il-biljett izda hu ma marx. Hu ma jaf b'ebda *email*. Qatt ma tkellmu fuq meta kellhom jinqatghu il-biljetti u fuq il-prezz.

15. In kontro-ezami qal li lil Gorg Zahra kien qallu "li jiena ghal maghkom imma la semmewli prezz kemm hu u anqas semmewli d-dati. Jiena ma kontx naf li kellhom l-informazzjoni f'idejhom u cioe' Buttigieg u Zahra. Jiena lil Zahra kellimtu qabel ma Buttigieg qalli biex immur inkellem lil Zahra."

16. Wara li lil Zahra qallu li kien ghal maghhom, lil Buttigieg qallu li ma jafx x'kien ser jaghmel u kien hawn li tah il-mowbajl ta' l-attur. Meta cempillu Zahra u qallu li l-biljett kien inqata' hu infixel. L-ahhar kliem kien li jekk ma jcempilx lill-attur ma jsir xejn. Hu kien aktar le milli iva biex imur.

## III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Hawnhekk ghandhja kaz fejn biljett tal-ajru nqata' ghall-konvenut Saviour Portelli u dana wara li l-attur gie mitlub biex jaghmel dan mill-konvenut Peter Paul Buttigieg. L-attur qatt ma ltaqa' ma' Portelli jew b'xi mod ikkomunika mieghu. Dana, izda, ma jfissirx li, aprijoristikament Portelli jista' jfarfar minn kull eventwali responsabbilta'.

2. Id-Dok A hu car u ma jhalli lok ghal ebda ekwivoku. Dan ghandu jitqieghed fil-kuntest li Buttigieg, segreatrju ta' ghaqda tal-karnival kien jiehu l-inizjattiva biex jaqta' biljetti ta' grupp ghal konvenzjoni barra minn Malta u billi jahseb minn kmieni u jkunu grupp ikunu vantaggjati fil-prezz. Kien ilaqqa l-grupp f'daru u bhal "jinnegozjaw" *there and then.* Kif soltu jigri, uhud jibqghu lura u mbaghad jithajjru tard. It-TRIBUNAL ihoss li hekk gara fil-kaz ta' Portelli.
3. Id-Dok A hu talba biex jinqata' biljett. X'jistghu ifissru modiehor il kliem: "*Please do not forget to book with you for Savior Portelli"*? Tnizzel anke n-numru tal-passaport ta' Portelli.
4. Kif wiehed jista' ragjonevolment jaccetta li Buttigieg ghamel dan minn jheddu? Mix-xhieda ta' Gorg Zahra u tal-konvenut Buttigieg mehuda flimkien jirrizulta li Portelli kien jaf b'kollox x'inhu ghaddej. Tant hu hekk li Zahra xehed li Portelli kien qallu li kif l-attur kien qed ifittex biljett ghall-istess Zahra, ifittex biljett ghalih (i.e. – il-konvenut Portelli). Aktar minn hekk, Portelli anke kien staqsa kif ser isir il-hlas.
5. It-TRIBUNAL hu ghal kollox konvint li Portelli l-ewwel ried il-biljetti, ghax ried il-biljetti ittiehdu l-passi decisivi a beneficcju tieghu u wara, ghax beda jittituba spicca ma jridx jonora l-obbligu tieghu u qed ifittex li jahsel idejh u idjomatikament, jilghabha tal-iblah.

## IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL meta jqis dak kollu migjub hawn fuq –
1. **<u>Jilqa'</u>** l-eccezzjonijiet tal-konvenut Peter Paul Buttigieg u jichad t-talba attrici fil-konfront ta' dan,
2. **<u>Jichad</u>** l-eccezzjonijiet tal-konvenut Saviour Portelli,
3. **<u>Jilqa'</u>** t-talba tal-attur fil-konfront ta' Saviour Portelli u <u>jikkundannah</u> ihallas lill-attur Alfred Dalli il-*quantum* mitlub ta' hames mija, hamsa u sittin Ewro u disgha u tletin centezmu (€ 565.39c) b'dana li dan l-ammont ghandu jithallas sa tletin jum mil-lum u jekk dan ma jsirx jibda ghaddej l-imghax mil-lum stess sal-jum tal-pagament effettiv, u

**<u>Jikkundanna</u>** lill-konvenut Saviour Portelli ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza inkluzi dawk tal-konvenut l-iehor Peter Paul Buttigieg.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------